# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Mejju 2024**

**Avv Nru: 25/2024**
**Nru fuq il-Lista: 2**

**Fl-atti tal-ittra uffiċjali b'kambjali numbru 1369/2011 fl-ismijiet**

**United Acceptances Finance Limited (C360)**

**vs**

**Mighel Azzopardi (K.I. 76383M)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promotur datat 30 ta' Jannar 2024[1], fejn *ad litteram* ġie premess u mitlub hekk:

> *Illi permezz tal-ittra uffiċjali bin-numru 1369/2011, is-soċjeta' rikorrenti rendiet esegwibbli l-kambjali ammontanti għal tmien mija u tlieta u sebgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€873.51), annessi mal-istess*

[1] A fol 1 iet seq *tal-proċess.*

*ittra uffiċjali ai termini tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi minkejja dan, l-intimat baqa' inadempjenti u l-kambjali annessi mal-imsemmija ittra uffiċjali għadhom ma tħallsux;*

*Illi għaddew iktar minn ħames (5) snin minn meta dawn il-kambjali ġew reżi esegwibbli skont il-liġi u għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti ma tistax tipproċedi mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti;*

*Illi għal-finijiet tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjeta' rikorrenti tiddikjara li l-ammont ta' €873.51, flimkien mal-imgħaxijiet u spejjeż relattivi skont il-liġi għadhom dovuti stante li ma sar ebda pagament relattiv għall-kambjali hemm indikati;*

*Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, is-soċjeta' esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza l-esekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Frar 2024[2];

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2024[3] fejn, għad li l-konvenut ġiet debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proċeduri, huwa naqas milli jħejji risposta għall-istess u li jidher formalment f'dawn il-proċeduri.

[2] A fol 2 u 3 tal-proċess.
[3] A fol 11 tal-proċess.

Ra n-nota tas-soċjetà rikorrenti, mressqa fl-istess seduta, b'vera kopja tal-ittra mertu ta' dan ir-rikors[4].

Sema' x-xhieda ta' Rita Gatt[5], rappreżentant tas-soċjetà attriċi u d-dokument minnha eżebit u dan fis-seduta tal-4 ta' April 2024. Dakinhar il-proċeduri tħallew għad-deċiżjoni li qiegħda tingħata llum kif skedat.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija deċiżjoni dwar rikors magħmul ai termini tal-artikolu 258(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan wara lis-soċjetà attriċi kienet kisbet titolu eżekuttiv fil-konfront tal-konvenut bis-saħħa ta' ittra uffiċjali bin-numru 1369/2011 magħmula ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi tajjeb jingħad li l-liġi hija siekta dwar jekk fi proċeduri bħal dawn, il-konvenut għandux jingħata dritt ta' tweġiba u jekk għandux ikun hemm smiegħ. Din il-Qorti tqis li ġaladarba ir-rikors jiġi maħluf minn min jagħmlu, allura anke in osservanza tal-prinċipju ta' *audi alteram partem*[6], huwa xieraq li l-allegat debitur jingħata terminu sabiex jirrispondi.

Illi huwa ben magħruf ukoll li f'proċedura bħal din, m'huwiex xogħol il-Qorti li terġa toħloq kanonizzazzjoni ġdida tal-kreditu, iżda huwa biss limitat sabiex jara

[4] Nota relattiva tinsab a fol 12 tal-proċess.
[5] Xhieda tibda a fol 17 tal-proċess.
[6] Fost diversi, din il-Qorti tirreferi għal dak raġunat u deċiż fid-deċiżjoni fl-ismijiet **HSBC Bank Malta vs Avv. Martin Fenech *et noe*,** (Rik Maħluf Nru: 854/2021) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-24 ta' Jannar 2022 (mhux appellata).

li jkun skada iż-żmien tal-eżegwibilitá tat-titolu eżekuttiv u li l-obbligazzjoni tal-ħlas tkun għada eżistenti[7].

Illi wara li din il-Qorti reġgħet rat ir-rikors promotur, ikkonfermat bil-ġurament kif trid il-liġi, u sema' x-xhieda ta' Rita Gatt, kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' tweġiba min-naħa tal-konvenut, ssib lit-talba għandha tiġi milqugħa.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan ir-rikors billi tilqá t-talba tas-soċjetà attriċi u tiddikjara li t-titolu miksub permezz tal-ittra uffiċjali bin-numru 1369/2011 magħmula ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bħala esegwibbli mill-ġdid.

L-ispejjeż tal-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[7] Fost diversi, wieħed huwa mistieden jara dak deċiż fil-proċeduri fl-ismijiet **Edgar Fava vs Gerald Rapinett *et,*** (Rik Nru: 1122/2017/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-25 ta' Frar 2021. Issir ukoll referenza għat-tfakkira magħmula fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Barclays Bank p.l.c. vs Martin Buhagiar *et,*** (Rik 490/2017/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-15 ta' Novembru 2023, fejn intqal hekk: *"Din il-Qorti terġa' tfakkar ukoll li l-proċedura mnedija taħt l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija maħsuba biex tirrendi eżegwibbli mill-ġdid titolu eżekuttiv li jkun tilef eżegwibilità tiegħu. Dik ilproċedura ma kienet qatt maħsuba biex tistabbilixxi kemm hu d-dejn li għadu dovut. Kif ingħad bosta drabi fi proċeduri ta' din l-għamla, l-għan tal-Qorti huwa li tara jekk it-titolu eżekuttiv laħaqx "għalaq" u jekk kemm il darba d-dejn kanonizzat kienx għadu, imqar f'biċċa minnu, mhux Imħallas"*